TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 45/16/GB

**Patrick Harvey**

**vs**

**S.E.K. Installations – Sam El Khatib**

Illum 20 ta' April 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Frar, 2016 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00), sussegwentement ridott ghal erbgha mija u ghoxrin Ewro (€420.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal sistema tal-*intercom*, li nxtrat minghand l-intimat, liema *unit* tal-*intercom* kien difettuz.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara sistema tal-*intercom* minghand l-intimat f'Dicembru 2014, pero' Awissu 2015 huwa beda jinnota difetti fl-operat tas-sistema. L-intimat dam hafna jipprova jikkuntattja lill-intimat u meta rnexxielu jikkuntattjah lejn l-ahhar ta' Awissu 2015, huwa qallu li kien se jsewwi l-hsarat. Pero', mill-11 ta' Settembru 'l quddiem, l-intimat qatt ma rega' rrisponda l-*mobile*.

Is-sistema tal-*intercom* ma tahdimx sewwa. Il-buttuni mhux kollha jahdmu u xi kultant is-sistema tixghel waheda u taghmel hsejjes tal-operat taghha minghajr ma hadd imissha.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob li l-intimat ibiddel il-*unit* tal-*intercom* difettuz li ghandu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.PH1; *quotation*, li giet immarkata bhala Dok.PH2; *invoice*, li giet immarkata bhala Dok.PH3; kif ukoll ittra li ntbaghtet lill-intimat, li giet immarkata bhala Dok.PH4.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li sema' l-provi, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti ta' l-intimat, u ghalhekk, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimat ibiddel il-*unit* tal-*intercom* ezistenti tar-rikorrenti, b'wiehed gdid u minghajr difetti a spejjez tieghu (inkluzi l-ispejjez tal-installazzjoni), u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**